MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Numru. 98/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Arthur Montesin u Emanuel Montesin

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Arthur Montesin detentur tal-karta tal-identita Nru 448236(M) u Emanuel Montesin detentur tal-karta tal-identita Nru 288263(M) li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fil-11 ta’ Novembru 2001, ghall-habta tal-11.30 ta’ fil-ghaxija mill-‘Gaetano Bar’ sitwat fi Triq Through Bridge, Albert Town, Marsa ikkommettew serq ta’ diversi ghasafar ghad-dannu ta’ Mario Portelli minn Santa Lucija liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u circostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtaw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Talli saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti, inkluz liz-zewg imputati fuq imsemmija minn jeddhom u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-11 ta' Novembru 2001 il-pulizija tal-'mobile squad' kienu qabdu persuna f'Albert Town il-Marsa illi kienet suspettata li kienet qeghda tisraq mill-inhawi. Fil-fatt il-persuna li kienet inqabdet kien l-imputat fuq imsemmi Arthur Montesin. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi l-ghada illi gara dan skopra illi certu Mario Portelli kien ghamel rapport fis-sens illi xi hadd kien dahallu fil-bitha ta' wara tal-hanut illi kellu u seraqlu hmistax-il virdun u minah bird u ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur kellem lill-imputat Arthur Montesin u wara illi tah is-solita twissija l-imputat Arthur Montesin irrilaxxalu stqarrija. L-Ufficjal Prosekutur baghat ukoll ghat-tifel tieghu, l-imputat Emanuel Montesin illi wkoll irilaxxalu stqarrija wara li huwa tah is-solita twissija. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi z-zewg imputati ikkopperaw mieghu bis-shih, pero' innegaw it-tnejn li huma li kienu hadu l-ghasafar id-dar, jew b'xi mod bieghuhom. L-imputati qalu lill-Ufficjal Prosekutur illi huma kienu hallew l-ghasafar

hemm hekk. L-Ufficjal Prosekutur kien kompla jinvestiga, kien kellem lil sid l-ghasafar illi kien qallu li kien sab lil dawn l-ghasafar mejtin.

Ikkunsidrat :

Illi mill-istqarija tal-imputat Arthur Montesin johrog car, u dan minn informazzjoni li ta l-istess imputat Arthur Montesin, illi Arthur Montesin dahal fil-post fejn sabuh il-pulizija flimkien ma ibnu sabiex jara jekk setghax isib xi haga li tghodd ghalih. Arthur Montesin stqarr illi huwa dahal fil-bitha billi ghadda flimkien ma ibnu minn taht ix-xibka li hemm madwar bicca wesgha mwittija. Huwa gie flimkien ma ibnu hdejn cint u t-tifel u hu telghu fuq dan ic-cint. Skond Arthur Montesin, ibnu qabez fil-bitha ta’ dan il-post u sab kamra li kienet imsakkra bil-firroll biss, minghajr katnazz. Ibnu fetah il-firrol u sab zewg tilari li kien fihom xi ghasafar fil-gabbjetti. Arthur Montesin kompla jghid fl-istqarija tieghu illi huwa baqa fuq is-saqaf u ibnu newwillu it-tilari tal-ghasafar. Nizlu minn fuq is-saqaf u ghaddew minn fejn kienu dahlu. Kif kienu sejrin bl-ghasafar semghu lil xi hadd jghidilhom biex jieqfu ghax kien sejjer jispara. Ghalhekk poggew l-ghasafar fejn kienu mal-art u telqu jigru ghall-faccata l-ohra biex jigu barra. Regghu sabu xibka ohra u hu, jigifieri Arthur Montesin, iddendel u wehel mal-gauze wire. Huwa gera lejn il-Marsa tal-Inglizi u intefa fil-haxix. Ftit wara gew il-pulizija u arrestawh. Pero’ qabel ma haduh id-Depot haduh lejn l-isptar fejn sarulu xi ponti f’idejh il-leminija peress li kien ferut. Arthur Montesin baqa’ isostni li l-ghasafar hallihom hemm hekk u li meta mar flimkien ma ibnu f’dak il-post huma ma kienux jafu b’dawn l-ghasafar.

Illi mill-istqarrija tal-imputat Emanuel Montesin jirrizulta illi fil-jum, lok u hin kif indikat fl-imputazzjoni huwa kien mar fuq il-post ma missieru permezz tal-vettura tieghu Ford Escort JAF152 li kien saqha hu stess. Huwa qal illi kien hemm qisha fetha fejn izommu z-zwiemel li kienet imdawwra kollha bix-xibka tal-firdiferru, ghaddew minn tahtha u baqghu dehlin ‘il gewwa. Kien hemm cint tal-gebel li kien fih dahla u huwa ghadda bejn dan ic-cint u tela fuq saqaf ta’ kamra, ittawwal gewwa u ra li kien hemm

bitha. Nizel mal-gemb u gie fil-bitha. Ra kamra, fetahha peress illi l-bieb kien maghluq bil-firroll u dahal fiha. Sab zewg tilari li fihom kien hemm xi gabbjetti bl-ghasafar. Qabadhom u newwilhom lil missieru li kien ghadu fuq il-kamra. Telqu ‘l hemm u dak il-hin huwa sema lil xi hadd jghajjat biex jieqfu ghax jisparalhom. Emanuel Montesin kompla jistqarr illi huma telqu l-ghasafar mal-art fejn kien hemm dik l-area qisha taz-zwiemel u harbu jigru. Qabzu z-zewg xbieki tal-fidiferru u baqghu sejrin lejl il-Marsa tal-Inglizi. Fil-fatt qasmu t-triq. Huwa gibed fejn hemm il-golf u missieru mar lejn it-triq mnejn tidhol u tohrog il-Marsa Sports Club. Wara Emanuel Montesin stqarr li baqa sejjer id-dar bil-mixi u ma jafx x’kien sar minn missieru, pero’ wara sar jaf li kien gie arrestat mill-pulizija. Emanuel Montesin cahad li kien jaf li fil-post imsemmi fejn marru kien hemm l-ghasafar u baqa jghid illi l-ghasafar hallewhom hemm hekk u ma haduhomx id-dar u lanqas bieghuhom.

Illi xehed Mario Portelli, id-derubat, u qal illi kien sab Maina bird nieqsa illi kien xtara ghall-prezz ta’ mitejn lira u kienu serqulu wkoll ghasafar li whud minnhom kienu jiswew ghaxar liri u ohrajn kienu jiswew hamsin lira.

Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-reat ta’ misappropjazzjoni Mario Portelli kompla jixhed illi l-ghasafar kienu hajt biss ‘il boghod mill-Ford Escort il-vettura illi skond siehbu Johnie kienet ipparkjata kantuniera boghod mill-hanut tieghu dakinhar illi sehh is-serq. Ix-xhud qal illi huwa wkoll kien rah il-Ford Escort u qal illi kienu gew ghalih filghaxija fid-dlam. Huwa xehed illi l-ghasafar ma instabux mejtin fil-bitha tieghu imma daqsxejn ‘il boghod mill-bitha tieghu.

Illi xehed f’dawn il-proceduri Arthur Montesin u ikkonferma illi kien mar flimkien ma ibnu f’post fejn kien hemm xibka u kif dahlu hemm gew, wara ftit minuti semghu lil xi hadd jordnalhom biex jieqfu ghaliex kienu ser jisparawlhom. Huwa kompla jixhed illi hu u niezel wegga, waqa ghal isfel, telaq jigri biex jistahba u wara ftit waqfet karozza u hargu l-pulizija biex jarrestawh. Huwa qal pero’ illi ma kienx minnu illi kien ha xi ghasafar u kien qal hekk lill-pulizija peress illi xi hadd illi huwa ma identifikahx u

lanqas kien jaf jekk kienx pulizija jew le kien qallu li jaqbillu jammetti li kien seraq xi erba' ghasafar ghaliex inkella kien jigi f'posizzjoni aghar milli kien fiha attwalment.  L-imputat Arthur Montesin kompla jixhed illi huwa beza illi jaqla xi xebgha mill-pulizija jekk ma jigdibx u jghid illi fil-fatt kien seraq xi erbgha ghasafar u dana peress illi  ghaxar snin qabel kien qala xebgha minghand il-pulizija.   Madanakollu x-xhud in kontro-ezami ikkonferma li l-Ispettur Magri kien tah is-solita twissija qabel ma huwa irrilaxxja l-istqarrija tieghu, kien qallu wkoll illi ma kienx obbligat illi jiffirma din l-istqarrija, ma kien offrielu l-ebda vantagg jew promessi sabiex huwa jirrilaxxja l-istqarrija tieghu u lanqas ma kien sarlu xi theddid.  Huwa xehed ukoll illi meta l-Ispettur Magri staqsieh kif kien dahal flimkien ma ibnu fil-bitha huwa kien spjegalu fid-dettal kif kien dahal fil-bitha ma ibnu.

Illi xehed Emanuel Montesin illi ikkonferma l-istqarrija illi kien irrilaxxja lill-pulizija, pero' qal illi l-gabjetti u l-ghasafar ma kienx harighom mic-cint u mill-ambjent fejn kienu. Emanuel Montesin biddel il-verzjoni tieghu minn dik illi ta fl-istqarija u cioe' fejn kien qal illi huwa kien newwel il-gabjetti u l-ghasafar lil missieru u xehed illi huwa l-ghasafar ma messhomx u allura ma setghax inewwilhom lil missieru.

Illi xehed l-Ispettur Carmelo Magri u ikkonferma illi is-Sur Mario Portelli kien qallu illi fost l-ghasafar li ittiehdulu kien hemm ukoll Mynah Bird li insterqitlu u kienet tiswa 'l fuq minn tlett mitt lira.  L-Ispettur Magri xehed li minkejja l-fatt illi sid l-ghasafar kien qallu illi l-ghasafar kienu mietu qatt ma kien urih l-iskeletri ta' dawn l-ghasafar.  Huwa kien gie infurmat illi xi tfal kienu sabu l-ghasafar mejtin.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tara illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg imputati fuq imsemmija ipprovaw jikkommettu l-imsemmi serq ta' ghasafar ghad-dannu ta' Mario Portelli, pero' huma ma wettqux din is-serqa minhabba ragunijiet accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, peress illi tfaccaw il-pulizija u ghalhekk sfaxxewlhom il-pjanijiet

taghhom u kellhom jaharbu ‘l hemm u fil-fatt huma telqu l-ghasafar mal-art u ma haduhomx.

Illi huwa minnu illi l-ghasafar gew spostati mill-kamra fejn kienu, pero’ s-serq ma jirrizultax peress illi l-imputati hallew l-ghasafar fejn kienu meta tfaccaw il-pulizija.

Illi hija dubbjuza l-verzjoni illi ta Mario Portelli fis-sens illi l-ghasafar instabu xahar wara l-allegata serqa, instabu mejtin u dana ftit boghod biss minn fejn kienu insterqu u dana peress illi huwa ovvju illi l-ghasafar jaghmlu l-hsejjes u li kieku verament kienu ftit boghod biss minn fejn ittiehdu, allura zgur illi jew id-derubat jew inkella xi hadd iehor kien jinduna bihom qabel it-trapass ta’ xahar.

Illi Mario Portelli xehed illi siehbu kien qallu illi kien ra l-Ford Escort tal-imputat Emanuel Montesin.  Huwa xehed ukoll illi l-ghasafar mejta instabu fejn kienet din il-Ford Escort, imma bl-ebda mod ma jispjega kif wasal ghal din il-konkluzzjoni.

Illi wkoll Mario Portelli xehed illi l-Mynah Bird kienet tiswa mitejn lira .  Aktar tard insibu x-xhieda tal-Ispettur Magri fis-sens illi Portelli kien qallu illi l-Mynah Bird kienet tiswa tlett mitt lira.

Illi Portelli xehed u qalilna l-valur skond hu ta’ dawn l-ghasafar misruqa.  Pero’ dan ma gie bl-ebda mod sostnut minn sorsi ohrajn.

Illi wkoll li kieku verament instabu l-ghasafar mejta Mario Portelli messu informa lill-pulizija, setghu facilment ittiehdu r-ritratti tal-ghasafar mejta, setgha wkoll is-Sur Portelli esebixxa lista ta’ dawn l-ghasafar u l-ircevuti illi juru l-valur taghhom.  Mentri fil-fatt Portelli ma ghamel xejn minn dan kollu u ghaldaqstant il-Qorti ma tarax illi gie ippruvat l-aggravju tal-valur.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddisponi mill-ewwel imputazzjoni billi issib liz-zewg imputati fuq imsemmija hatja ta’ attentat ta’ serq ta’ diversi

ghasafar ghad-dannu ta’ Emanuel Portelli, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin, pero’ mhux bil-valur.

Illi una volta illi irrizulta s-serq ma jistax ukoll jirrizulta r-reat ta’ ricettazzjoni. Ghaldaqstant l-imputati qeghdin jigu liberati mit-tieni imputazzjoni.

Illi gie ippruvat ukoll mill-Prosekuzzjoni illi l-imputati fuq imsemmija huma recidivi skond il-Ligi.

Ghalhekk in rikapitilazzjoni z-zewg imputati fuq imsemmija qeghdin jigu misjuba **hatja** ta’ attentat ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dana wara li l-Qorti rat l-Artikolu 261(b), 261(f), 263, 264, 265, 266, 270, 278, 281 u l-Artikolu 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 17 u l-Artikolu 330 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-finijiet ta’ piena l-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija ikkoperaw mal-pulizija kif iddikjara l-istess Ufficjal Prosekutur u fil-fatt it-tnejn li huma irrilaxxjaw stqarrija fejn ammettew l-involviment taghhom f’dan ir-reat. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija ma ghandhomx xi fedina penali allarmanti u tara ghalhekk illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u li jkun aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputati, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputati fuq imsemmija jinghataw opportunita ohra sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbdu t-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberahom taghmel dan bil-kondizzjoni illi huma ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------